MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Numru. 19/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**
**vs**
**Ahmed Mohammed Embark**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Mohammed Embark, iben Mohammed u Mabruka mwielda Ali, mwieled il-Libya fid-29 ta’ Gunju 1974 u residenti ‘Monroy Flats’, Flat 1, Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar.

Akkuzat talli:

1. Fis-7 ta’ Jannar, 2008 ghall-habta ta` bejn 00:40hrs u s-01:00hrs, waqt li kien fi Triq il-Hallel, San Pawl il-Bahar, kkommetta attentat vjolenti ghal-pudur fuq il-persuna ta` Omissis kif ukoll fuq il-persuna ta’ Omissis li hi persuna bi tqala.

2. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Omissis u Omissis kontra l-volonta taghhom u dan bhala mezz biex huma jigu mgieghla jaghmlu xi haga, jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom.

3. U aktar talli fl-istess data ghall-habta tat-03.00hrs, waqt li kien fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 214 Luke Bonello, PC 210 Salvatore Lagrasta u PC 145 Alan Abela, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qeghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux ogezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 86, 87(g), 96 u 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta’l-imputat huwa li ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Omissis u Omissis li zamm jew issekwestra lill-istess

Omissis u Omissis; u li attakka jew irrezista lil surgent u zewg kuntistabbli f'l-ghassa tal-Qawra.

Illi mill-atti jirrizulta li nhar is-7 ta' Jannar 2008 kmieni filghodu Omissis kienet mixja lejn id-dar taghha wara li spiccat xoghol; hija kellha handbag u basket f'idejha. F'xi hin hareg ragel (l-imputat) minn xi appartamenti u beda jittantaha ghalhekk hija bdiet timxi bil-mod pero l-imputat waqaf hu wkoll. F'l-aktar kantuniera vicin kien hemm bar ghalhekk din Omissis imxiet sa' hdejn dan il-bar, waqfet hdejh u batghet messagg lill habib taghha biex jigi ghaliha u jwassalha hu d-dar. Wara ftit l-imputat telaq 'l hemm ghalhekk, u peress li l-habib taghha kien qed idum biex jigi ghaliha, Omissis iddeciediet li tkompli sejra lejn darha. Daret mal-kantuniera -- hi kienet miexja f'nofs tat-triq -- u rat ragel miexi lejha b'idejh miftuhin qiesu ser jghannaqha. Peress li kien ghadu ftit il-boghod hi m'gharfitux mill-ewwel u hasbitu xi habib taghha pero meta resaq aktar vicin indunat li kien l-imputat. Ghalhekk hija dahlet bejn il-karozzi ipparkjati u telghet fuq il-bankina pero l-imputat tela' fuq il-bankina ukoll. L-imputat qabad lil omissis beda jbusha u jghannaqha; hi bdiet tghajjat pero hu gibidha 'l isfel u taht il-bankina biex hadha f'nofs tat-triq ezzattament ma' genb il-karozzi pparkjati; kompla jbusha u b'id wahda jmissha u jipprova jifthilha l-qalziet fil-waqt li b'l-id l-ohra beda jzommha 'l isfel, anke ta daqqa fuq halqha; omissis baqghat tghajjat. F'daqqa wahda tfacca guvni u gibed lill-imputat minn fuqha malli rat hekk telqghet tigri u halliet il-basket ma'l-art. Baqghet sejra d-dar fejn qalet lill-genituri taghha x'kien gara u marru l-ghassa biex taghmel rapport.

Illi jirrizulta ukoll li fil-gurnata u hin in kwistjoni Omissis (li kienet tqiela) kienet qeghda ghand habib taghha Omissis. F'xi hin huma semaw ghajjat minn barra u Omissis harget titawwal imma ma rat xejn. L-ghajjat kompla ghalhekk hija u Omissis nizlu mill-appartament u hargu fit-triq; malli hargu raw tfajla ma'l-art u l-imputat fuqha. Omissis mar fuqhom u gibed lill-imputat u qallu biex jitlaq 'l hemm; it-tfajla, li kienet Omissis, telqghet tigri. L-imputat pero minflok telaq 'l hemm mar jigri fuq Omissis; din dahlet fil-bieb ta'l-appartamenti pero l-imputat dahal jigri warajha qabel ma kellha cans talaq il-bieb. L-imputat qabad lilha

ukoll u beda jbusha u jmissha, f'l-istess hin kien qed jimbotta lura lejn il-bieb biex ma jkunx jista jidhol Omissis. Omissis bdiet tibza' u qaltlu li kienet tqiela u l-imputat telaqha u mar hareg jigri mill-entrata ta'l-appartamenti. Omissis u Omissis u 'l basket li Omissis halliet ma'l-art u omissis marret l-ghassa taghmel rapport.

Illi gie ndikat lill-pulizija fejn joqghod l-imputat ghalhekk dawn marru hdejn ir-resdenza tieghu u meta wasal gie arrestat u ittiehed l-ghassa tal-Qawra. Hemm kienet ser issirlu search minn PS 214 Luke Bonello, flimkien ma zewg kollegi tieghu PC 145 Alan Abela u PC 210 Salvatore Lagrasta, meta hu mbotta lis-surgent u telaq jigri biex jipprova jahrab pero z-zewg kuntistabbli rnexxielhom izommuh milli johrog mill-ghassa. Is-Surgent Bonello qal li l-imputat kellu riha ta' xorb.

Illi l-imputat ghazel li jixhed. Huwa jispjega li fil-lejl in kwistjoni kien qieghed f'appartament ma xi hbieb u hemmhekk xorob flixkun whisky. Meta hareg ma jafx fejn mar jew kemm kien ilu miexi pero xi hin ra tfajla u jammetti li prova jbusha. Hi bdiet tghajjat ghalhekk telaqha u kompla sejjer lejn daru fejn kien hemm il-pulizija qed jistennewh, arrestawh haduh l-ghassa u hemm ma kienx jaf x'qed jghidulu minhabba x-xorb li kien xorob; dahluh fic-cella u hemm tlett pulizija tawh xebgha.

Illi minkejja dak li jghid l-imputat l-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontat mix-xhiedha l-ohra u li fattwalment gew pruvati l-imputazzjonijiet addebietati lill-imputat.

Illi kemm mid-depozizzjoni tieghu kif ukoll mis-sottomissjonijet maghmula l-imputat qed jipprova jiskuza l-agir tieghu u konsegwentement jiskarta r-responsabbilta kriminali minhabba li kien fis-sakra.

Illi fil-waqt li tirrileva li minn mkien ma jirrizulta li l-imputat kien fis-sakra u ma kienx jaf x'inhu jaghmel, mill-atti zgur li ma jirrizultax li hemm l-elementi mehtiega biex l-imputat ikun jista jgawdi mid-difieza ta'l-intossikazzjoni

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati u min-naha l-ohra l-fedina penali. F’dawn ic-cirkostanzi u b’mod partikolari in vista tal-fedina penali l-Qorti hija tal-fehma li l-piena ghandha tkun aktar vicin tal-minimu stabbilit.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 86, 87(g), 96 u 207 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 17(a)(h) tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ hmistax (15) il-xahar li minnhom ghandhu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------